MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 3427/1996/1

**Vincent u Innocenza konjugi Sciberras**

**vs**

**Joseph Falzon f'isem u fl-interess tas-socjeta` Falcon Ltd.**

**Il-Qorti,**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**IC-CITAZZJONI TA’ L-ATTURI**

1. B’citazzjoni l-atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet moghtija, m’ghandhiex tigi kundannata mill-Ewwel Qorti, sabiex fi zmien qasir u perentorju, twaqqa, thott u tibni taht id-direzzjoni u sorveljanza ta’ perit nominand il-fabrikat kollu li ghamlet bla jedd fuq l-imsemmija proprjeta` ta’ l-atturi appellanti u b’hekk tirreintegra lill-atturi appellanti fil-pussess shih u mhux imxekkel tal-proprjeta` taghhom kif kienet qabel il-kummissjoni ta’ l-ispoll imsemmi u in difett, l-atturi appellanti jkunu huma stess awtorizzati jaghmlu x-xoghol ta’ demolizzjoni, bini u reintegrazzjoni li jkun mehtieg taht id-direzzjoni ta’ l-istess perit nominand.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

2. B’sentenza tal-31 (wiehed u tletin) ta’ Jannar 2000, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddecidiet billi cahdet it-talbiet ta’ l-atturi appellanti kif dedotti fic-citazzjoni fl-ismijiet premessi bl-ispejjez kontra l-istess atturi appellanti.

**L-APPELL TA’ L-ATTURI**

3. L-atturi hassew ruhhom aggravati mill-imsemmija sentenza u interponew Appell minnha fuq l-aggravji segwenti:-

(I) Illi l-ewwel Qorti **nterpretat il-fatt u applikat il-ligi skorrettament meta ghaddiet ghad-decizjoni li minnha qieghed issir dan l-appell**.

L-azzjoni tentata mill-appellanti hija kontemplata mill-Artikolu 535 (1) li jiddisponi illi:

“Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezza’ mill-pussess, ta’ liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta’ haga mobbli jew immobbli, hija tista fi zmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b’azzjoni kontra l-awtur ta’ l-ispoll, li terga tigi mqieghda f’dak il-pussess jew f’dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-artikolu 791 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedur Civili”.

Issa huwa ben maghruf illi l-elementi li jridu jigu sodisfatti sabiex din l-azzjoni tirnexxi huma illi l-appellat dahal fil-proprjeta` ta’ l-appellanti.

(i) bil-vjolenza jew bil-mohbi,

(ii) l-appellanti gew mnezza mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni, u
(iii) l-azzjoni tigi mressqa fi zmien xahrejn.

Illi kwantu jirrigwarda l-element tax-xahrejn ma hemmx kontestazzjoni.

Lanqas hemm kontestazzjoni dwar l-element vjolenti u bil-mohbi li bih gie mibni l-hajt fl-ghalqa detenuta mill-esponenti appellanti.

Dan johrog car mix-xhieda tal-konvenut tat-13 ta' Jannar 1999.

"Kien hemm proprjeta` ta' Sciberras. Ghamilna hajt baxx biex tigi stabilita l-linja. Fil-hajt jiena ghamilt kancell biex ikun facli ghalija biex nidhol fl-art taghna. Dan il-kancell jiena ftahtu ghal fuq it-triq Valletta Road min-naha tal-art tieghi.

L-atturi jippretendu li jiena dhaltilhom. Is-Sur Sciberras kien gab lill-Perit Zammit u kien qal li l-linja divizjorja fejn ghamiltha jiena kienet tajba."

Illi min din ix-xhieda jirrizulta illi:

(a) L-appellat noe kif diga` acceda fuq il-post ma' terzi u stabilixxa l-linja medjana gdida kif deherlu hu. Dan johrog mix-xhieda tal-Perit Refalo li jghid "Ma nafx li s-Sur Falzon bena xi hajt fejn qed jippretendi li hu tieghu. Kienet saret posta fil-punt li semmejt jiena b'xi kantun."

(b) Fuq din il-linja gdida huwa kien bena hajt baxx.

(c) Illi kienet inqalghet kwistjoni fuq dan il-hajt kif mibni. Dan johrog mix-xhieda tal-appellant Vincent Sciberras meta jghid illi:

"Jiena kont mort ghand il-Planning Authority, kienet harget enforcement order. Huwa mexxa l-hajt ghal go taghna qisu 30 feet mill-faccata ta' barra, jaghlaq ghal 20 feet

minn gewwa. Jiena ma tajtu l-ebda permess biex jaghmel dan.

Meta kien qed jibni, jiena kont mort fuq il-bennej, ghidtlu minn kien tah il-permess biex jaghmel hekk u qalli li mhux affari tieghi. Lili hadd m'avzani li kien se jsir xi xoghol, anzi Joe Falzon kien ghamel rapport kontra tieghi".

(**II**) Illi in segwitu l-kontendenti, bil-ghan li tinsab soluzzjoni kienu accedew fuq il-post u l-Perit u s-Surveyor qablu fuq il-post fejn dan **<u>il-hajt kien mibni ergo l-hajt kien diga mibni li fuqu kien hemm il-kwistjoni</u>**

Mela ma hemm l-eda dubju li meta nbena l-hajt u sar il-kancell dan inbena fuq art li l-appellanti kienu jipposjedu. L-Att 535 (1) jirrikjedi li l-pussess ikun ta' **<u>liema xorta jkun</u>** u l-appellanti pussess effettiv kellhom.

Illi in vista tal-fuq espost l-elementi kollha rikjest mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili gew sodisfatti u ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt, in linja mal-gurisprudenza kostanti u dak kif stabilita fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppe Vella et vs Rose Vella" tad-29 ta' Lulju 1950 (Vol XXXIV**.** I. 425), fl-azzjoni tar-reintegrazzjoni, li tinvestiga x-xorta tal-pussess tal-ispoljat.

Illi ghalhekk, l-ewwel Onorabbli Qorti, in vista tal-fatt illi l-appellanti kellhom forma ta' pussess ma kellha qatt tichad it-talba kif dedotta.

**(III) Illi l-bazi tas-sentenza tal-ewwel qorti kienet l-firma tal-Perit Ninu Zammit.**

Ma hux kontestat il-fatt illi l-post fejn inbena l-hajt meritu tal-kwistjni bejn il-kontendenti kien f'idejn l-appellanti. Ma hux l-anqas kontestat il-fatt illi l-partijiet marru fuq il-post bl-idea li dawn jilhqu ftehim bonarju.

L-ewwel Qorti jidher illi giet zvijata u interpretat il-fatti hazin.

L-argument hu jekk il-firma tal-Perit Zammit torbotx lill-appellanti u jekk l-istess perit kellux prokura biex jagixxi f'isem l-appellanti.

L-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi "Fil-kaz in ezami l-azzjoni tal-atturi hija wahda possessorja ta' spoll ghalhekk ma kienx hemm bzonn ta' att pubbliku biex issir it-transazzjoni u lanqas kien hemm bzonn ta' xi mandat specjali lill-perit biex jidher ghalihom. L-attur kien qed jidher ghal martu u huma kienu nkarigaw lill-Perit Zammit biex jaccedi fuq il-post u jaghmel dak kollu **li kien necessarju.** L-attur stess **kien prezenti** waqt l-access meta ntlahaq il-ftehim u ma jjirrizultax li dak **il-hin hu wera xi oposizzjoni ghall-ftehim milhuq.**"

In sostenn ta' din it-tezi, l-ewwel Onorabbli Qorti citat l-Artiklu 1857, 1858 u 1868.

Illi minn din l-osservazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti jemanu tlett punti li, fl-opinjoni umili ta' l-esponenti, jimmeritaw trattazzjoni.

(a) "inkarigaw lill-Perit Zammit biex jaccedi fuq il-post u jaghmel dak **kollu li kien necessarju".**

Jigi osservat illi meta wiehed jinkariga perit, dan jinkarigah sabiex jissuggerixxi lill-klijent tieghu dwar kif ghandu jsir ix-xoghol jew jigi mqassam. Xejn izjed.

Huma l-klijenti li fl-ahhar mill-ahhar li jiddeciedi jekk dak is-suggreriment tal-perit jigix atwat jew le.

(a) Illi "l-attur stess kien prezenti".

Jigi sottomess illi meta tinghata prokura, immaterjalment jekk hix bil-miktub, tacita, jew bil-fomm, din dejjem tinghata ghax il-mandant ma jkunx possibli li jmur jew jattendi hu. Il-fatt illi l-esponent appellant stess kien prezenti hija prova cara li hu **qatt** ma nkariga lil xi hadd ossia lill-Perit Zammit, sabiex dan jagixxi f'ismu.

“ma jirrizultax li dak il-hin hu (attur) wera xi opposizzjoni ghall-ftehim milhuq”.

Milhuq bejn min? Il-kontendenti? Le, bejn is-surveyor u l-Perit.

Bir-rispett kollu dawn setghu jilhqu arrangamenti bejniethom kemm iridu izda minn imkien ma gie pruvat li l-appellant prezenti ta l-kunsens tieghu. L-ewwel Onorabbli Qorti qalet illi minn imkien ma jirrizulta li huwa wera xi forma ta’ opposizzjoni.

Bir-rispett kollu, x’riditu jaghmel, jibda jiggieled u jaghti bil-ponn?

Il-fatt li l-appellant ma ffirmax ghalkemm prezenti huwa prova cara illi huwa:

(**I**) ma giex konsultat u , jekk ghall-meritu ta’ l-argument gie,

(**II)** ma tax il-kunsens tieghu.

Bir-rispett kollu l-appellanti jissottomettu illi l-argument kif espost mill-ewwel Qorti huwa wiehed imgebbed wisq u li jista’ jaghti lok ghal abbuz kieku din kellha ssir n-norma.

Filwaqt li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li min imkien ma jirrizulta mandat miktub jew bil-fomm ma jistax jigi accettat l-argument illi sabiex perit jaghmilha ta’ medjatur u jsolvi l-problema, tacitament, jigi moghti mandat biex jidher u jagixxi f’isem il-klijent bil-mod u fil-fakulta` li agixxa l-Perit Zammit.

Professjonijista bhal ma hu avukat u perit, il-professjoni ordinarja taghhom ma taghtihomx mandat awtomatiku sabiex jagixxu f’isem il-klijenti taghhom.

Kaz in speci huwa meta tigi biex tirtira denunzja. Din ma tingabarx mill-avukat jekk ma jkollux prokura ghal dan l-iskop. Lanqas ma jista’ jirtira l-flus tal-klijenti tieghu mill-bank u Alla hares kien hekk.

L-istess fil-kaz tal-perit. Il-fatt li ghamel pjanta etc. ma jfissirx li l-klijenti ser ihalluh jaghmel dak li lesta l-perit. Jista' jbiddel u jinjora kollox.

Jigi sottomess bir-rispett illi meta l-Perit Ninu Zammit iffirma il-pjanta dan ghamlu minn rajh u kien verament pruzuntuz.

Kieku verament l-appellanti qablu mal-proposta, tghid ma kienx jiffirma hu, l-appellant Sciberras stess gala darba kien prezenti? U ghaliex ma giex mitlub jiffirma?

Fil-kaz in ezami l-appellant kien prezenti u ghalhekk ma kienx hemm lok ghal bzonn ta' prokura u l-ftehim kien jintlahaq biss li kieku ffirma hu.

Illi ghalhekk il-kunsens tal-appellant qatt ma nghata u l-argument kif espost mill-ewwel Onorabbli Qorti ma jistax jigi accettat.

(IV) Illi l-appellanti ma setghu qatt jaccettaw il-linja kif proposta mill-appellat noe u dan ghas-semplici raguni illi l-invazjoni tant hi kbira li ma kien ser jifdallhom xejn.

Li l-appellati noe li ghamel kien illi xtara porzjoni diviz.

Illi dan qabad l-pjanta u l-kejlijiet indikati fud din id-divizjoni liema kejlijiet kienu ttiehdu xi hamsi sena ilu u applikawhom fuq is-sit in kwistjoni.

Illi dan ma setax isir u dan ghas-semplici raguni illi:

(a) Huwa fatt ben maghruf illi l-qisien antiki ma humiex precizi u jvarjaw.

(b) Illi biex jiehu l-kejl indikat l-appellati dahlu fuq l-art tal-appellanti. Wiehed jistaqsi, min kien ser jaghti l-art indikat fuq l-istess pjanta u li jappartjeni lill-appellanti?

(c) Illi se mai kien ghadda hafna zmien u jekk ghal meritu ta' l-argument hemm l-esponenti appellanti kaz ta' disparig kienu akwistaw bil-preskrizzjoni.

(V) Illi fl-ahhar ipotesi jigi sottomess illi dak li qieghed jippretendi l-appellat noe huwa ta' natur petitorja u huwa ghalhekk il-kawza ntavolata mill-appellanti. L-appellanti jridu jipprotegu dak li jinsab f'idejhom.

Jekk l-appellant noe jidhirlu l l-porzjon tieghu huwa akbar imissu jintavola azzjoni ghal dak l-iskop u mhux jiehu l-ligi b'idejh.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-aggravji tal-appellanti u tichad it-talbiet tas-socjeta` konvenuta appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI</u>**

4. Is-socjeta` appellata wiegbet hekk:-

(i) Illi qabel xejn l-appellanti ghandhom jindikaw in-natura tar-rikors taghhom f'din il-procedura.

(ii) Illi minghajr pregudizzju tal-premess is-sentenza mghotija mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma.

(iii) Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-appellanti qeghdin jagixxu bl-azzjoni spolii.

(iv) Illi l-esponenti fost eccezzjonijiet ohra eccepew illi huma ma waqqawx hajt divizorju u fethu bieb fuq il-proprjeta` ta' l-appellanti kif dawn qeghdin jallegaw fl-att tac-citazzjoni.

Fl-att tac-citazzjoni l-atturi jghidu precizament hekk:

"....... il-konvenut ....... qabad u nehha il-hajt divizorju sabiex ikkreja bieb li jaghti direttament ghal fuq il-proprjeta` ta' l-atturi biex b'hekk annetta parti sostanzjali mill-art ta' l-atturi .... ".

Din hija l-bazi fattwarli ta' l-azzjoni attrici.

(v) Illi rrizulta ampjament mill-provi processwali li l-bieb li fetah l-appellat jghati mhux fuq il-proprjeta` ta' l-atturi izda fuq <u>triq pubblika</u> li certament ma tiffurmax parti mill-proprjeta` attrici.

(vi) Illi inoltre l-appellat ma waqqa' ebda hajt divizorju kif qieghed jigi allegat izda iddelinea linja divizorja.
(vii) Illi minghajr pregudizzju tal-premess irrizulta b'mod car u definittiv illi l-kontendenti rrisolvew amikevolment il-vertenza li kellhom bi ftehim iffirmat mill-appellat u l-Perit Zammit ghan-nom ta' l-appellanti fil-presenza stess ta' l-appellant.
(viii) Illi konsegwentement illum l-azzjoni attrici giet ezawrita u jigri li l-appellanti rrinunzjaw ghat-talbiet kif proposti.
(ix) Illi l-appellanti qeghdin jallegaw illi din it-transazzjoni ma hijiex valida ghaliex il-Perit Zammit ma kellux il-mandat li jagixxi u jittransigi f'isimhom.
(x) Illi dan ma huwiex korrett ghal diversi ragunijiet:
(a) Meta intlahaq il-ftehim u giet iffirmata l-pjanta li turi d-demarkazzjoni tal-linja divizorja kien prezenti l-appellant.
(b) Illi dan l-appellant ma ghamel l-ebda opposizzjoni ghall-ftehim milhuq.
(c) Illi l-prezenza u akkwixxenza tieghu jaffermaw l-awtorizazzjoni moghtija lill-Perit Zammit u l-mandat mghoti biex jagixxi f'isimhom.
(d) Illi l-Perit Zammit kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellanti li meta iffirma fuq il-pjanta "dan ghamlu minn rajh u kien verament pruzuntuz" huwa kontradett mill-fatti billi kif inghad il-Perit ghamlu fil-prezenza ta' l-appellanti li a tempo vergine l-appellanti ma ghamlu ebda opposizzjoni.
(e) Illi gie ukoll allegat mill-appellanti li l-Perit ghamilha ta' medjatur u kien isolvi il-problema tacitament. Huwa ovvju illi meta wiehed jiffirma ftehim ghan-nom tal-klijent tieghu ikun qieghed jagixxi mhux bhala medjatur izda ghan-nom u fl-interess tal-mandatanti tieghu.
(f) Illi fl-ahharnett hija haga stramba illi l-appellanti naqsu li jipproducu lill-Perit Zammit in sostenn tat-tezi taghhom u minflok ghazlu li jattakkawh fir-rikors ta' l-Appell taghhom fl-assenza tieghu.

(xi) Illi ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fl-argumenti migjuba biex waslet ghall-konkluzjoni taghha biex tichad it-talba attrici.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu illi l-Appell ta' l-atturi ghandu jigi michuda bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. L-appell hu dwar allegat spoll li skond l-atturi appellanti gie kommess mill-kontroparti appellata proprio et nomine. Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kontendenti, eskluz Joseph Falzon personalment, ghandhom proprjeta` adjacenti fil-kuntrada maghrufa bhala "Ta' Landar", Valletta Road, Mqabba. Skond l-appellanti "il-konvenut proprio et nomine bil-mohbi ta' l-atturi u bil-vjolenza qabad u nehha l-hajt divizorju sabiex ikkreja bieb li jaghti dirett ghal fuq il-proprjeta` ta' l-atturi biex b'hekk annetta parti sostanzjali mill-art ta' l-atturi ma' dik tieghu u dan minghajr ebda titolu fil-ligi". L-atturi jghidu wkoll li wara li hadu passi biex jinibixxu lill-konvenut milli jkompli jidhol "fuq il-proprjeta` taghhom, dan rega' dahal u qieghed jinsisti illi jkompli bix-xogholijiet".

6. M'hemmx ghalfejn jigi ribadit minn din il-Qorti li azzjoni ta' spoll, bhala azzjoni possessorja u kif din allura tiddistingwi ruhha mill-azzjoni petitorja, tistrieh fuq l-element tal-pussess u mhux fuq it-titlu ta' proprjeta`. Dan qieghed jigi pprecizat ghar-raguni li f'certi partijiet tas-sottomissjonijiet taghhom, u b'mod partikolari l-atturi, kien hemm it-tendenza min-naha tal-kontendenti li l-aspett ta' proprjeta` jigi intromess fid-dibattitu, mentri dan m'ghandux ikun hekk.

7. Mill-provi li gew prodotti jirrizulta kjarament li gie intrapriz xoghol mis-socjeta` konvenuta u mhux mill-konvenut proprio, konsistenti f'ghamla ta' dahla b'kancell kompriz il-kostruzzjoni ta' hajt baxx. Il-partijiet ma qablux dwar jekk dan ix-xoghol sarx sewwa sew f'ambjenti fil-pussess ta' wiehed jew ta' l-iehor. Issa li kieku l-vertenza waqfet hawn, allura forsi l-azzjoni ta' spoll setghet tinkwadra ruhha, salv naturalment il-prova ulterjuri li kull parti tkun trid tforni dwar il-pussess. Izda gara li l-partijiet iddecidew minflok li jipprocedu oltre billi jiltaqghu fuq is-sit, fil-prezenza u bl-assistenza ta' perit arkitett (imqabbad mill-atturi) u ta' "surveyor" ghan-naha konvenuta u wara li

dawn regghu raw fejn sar ix-xoghol u gew ivverifikati l-pjanti tas-sit intlahaq qbil bejniethom.

8. Mill-provi akkwiziti effettivament jirrizulta li originarjament ix-xoghol li sar fis-sit kien jikkonsisti fi tqeghid ta' posta bil-gebel f'forma ta' hajt baxx. L-atturi allegaw li dan sar fi proprjeta` li kienet fil-pussess taghhom, filwaqt li l-konvenuti jissottomettu li dan ma kienx korrett u li x-xoghol kien sar f'parti li ghandha zbokk fuq Valletta Road, Mqabba, u li din ma kenitx fil-pussess ta' l-atturi.

F'kull kaz pero`, mill-provi ghandu jemergi li kwalsiasi punt ta' divegenza jidher li gie <u>suppost</u> rizolt permezz ta' l-inkontru fuq is-sit li sar appozitament bejn il-partijiet interessati kif fuq inghad. L-attur, Vincent Sciberras, jichad li huwa qatt ta xi mandat lill-perit Ninu Zammit biex dan jasal f'xi ftehim mal-kontroparti konvenuta, pero` l-attur appellant mhux biss ma jichadx li sar dan l-inkontru bonarju u li ghalieh kien qed jidher tassew l-imsemmi perit Zammit, imma lanqas jichad li dan l-istess perit iffirma l-ftehim milhuq dakinhar "in loco" fil-presenza tieghu. L-interpretazzjoni li hu jaghti dwar dan – fil-fehma tal-Qorti, wahda fjakka hafna – hija din:-
"Il-fatt illi l-esponent appellanti stess kien prezenti hija prova cara li hu <u>qatt</u> ma inkariga lil xi hadd ossia lill-Perit Zammit, sabiex dan jagixxi f'ismu".

Mhux hekk biss, imma l-attur spicca addirittura jattakka l-operat tal-perit tieghu hekk (ara fol. 89 tal-process),
"Jigi sottomess bir-rispett illi meta l-perit Ninu Zammit iffirma fuq il-pjanta dan ghamlu minn rajh u kien verament pruzuntuz"

Fil-fehma ta' din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, hemm provi bizzejjed li juru li jekk qatt kien hemm dubju bejn tezi u ohra dwar min kellu tabilhaqq il-pussess tali dubju gie rizolt bl-inkontru bonarju mizmum bejn il-partijiet, debitament assistiti.

8. Tenut kont tas-suespost, din il-Qorti ghalhekk ma tasalx biex tifhem l-aggravju ta' l-atturi fejn jghidu li l-

ewwel Qorti "interpretat il-fatt u applikat il-ligi skorrettement".

Ghalkemm il-provi urew li tassew saru xogholijiet kif fuq elaborat, il-prova dwar min tassew kellu l-pussess de quo baqghet haga dibattibbli.

Fil-mori ta' dan l-istat ta' divergenza sar l-inkontru surreferit u ntlahaq qbil, imbaghad jidher li l-attur kellu ripensament dwaru. Ghalhekk l-attur mhux korrett meta issa jallega li l-ewwel Qorti "giet zvijata u interpretat il-fatti hazin". Fl-operat kif fuq deskritt ma hemmx evidenza ta' habi u klandestinita`. Sar xoghol, inqaghlet divergenza, sar inkontru bonarju, saru l-accertamenti necessarji u ntlahaq ftehim.
Wara jidher li wahda mill-partijiet kellha ripensament dwaru u ppruvat twaqqa', billi tregga' lura, dak kollu li kien sehh. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti, wara li dahlet fil-validita` u l-import legali tal-mandat li bih agixxa l-perit Zammit ghan-nom ta' l-atturi,
"L-attur stess kien prezenti waqt l-access meta ntlahaq ftehim u ma jirrizultax li dak il-hin hu wera xi opposizzjoni ghal ftehim milhuq.

Jirrizulta li d-differenza li kien hemm bejn il-partijiet kienet wahda minima u ntlahaq ftehim dwarha.

Fuq il-kwistjoni l-ohra sollevata li l-kawza hija wahda ta' spoll u mhux kawza pelitorja l-Qorti tirreleva li l-konvenut mexa fuq il-ftehim bonarju milhuq u ma jistax ghalhekk jinghad li ghamel xi haga bil-mohbi, bi vjolenza jew minghajr titolu".

Din il-Qorti tikkondividi in toto dawn l-osserazzjonijiet maghmulin mill-ewwel Qorti. Illi ghalhekk isegwi li l-aggravji ta' l-appellanti atturi huma infondati u qeghdin jigu ghalhekk respinti.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------